**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Lulju, 2024

Rikors Ġuramentat: 266/22AL

**AB**

**vs.**

**CB née D u Dr Mario Caruana u P.L. Luisa Tufigno appuntati permezz ta' digriet tas-7 ta' Settembru 2023 bħala Kuraturi Deputati biex jidhru għan-nom tal-assenti CB**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi tas-16 ta' Diċembru 2022[1] li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1.

*Illi r-rikorrenti u l-intimat huma ta' nazzjonalita' Albaniża u huma residenti hawn Malta;*

*Illi r-rikorrenti taħdem hawn Malta u tara l-Malta bħala l-post fejn ser tgħix għall-kumplament ta' ħajjitha, u għalhekk Malta hija d-domicilju tal-għazla tagħha;*

*Illi r-rikorrenti żżewget lil CB nee D fit-3 ta' Ġunju 2020 (ċertifikat taż-żwieġ anness hawnhekk u mmarkat bħala Dok. A). Minn dan iż-żwieg il-partijiet għandhom wild jismu ED, li twieled fit-13 ta' Diċembru 2019 (ċertifikat tat-twelid anness hawnhekk u mmarkat bħala Dok. B);*

*Illi ż-żwieg tal-konjugi Veipi tkisser irrimedjabbilment u l-ħajja konjugali bejniethom m'għadhiex aktar possibli minħabba adulterju, vjolenza psikologika u fizika, moħqrija, a parti tal-intimati fil-konfront ta' martu r-rikorrenti;*

*Illi għalkemm ir-rikorrenti tat lil żewgha aktar minn okazzjoni waħda sabiex ma jkomplix bl-aġir tiegħu vjolenti u rresponsabbli, xejn ma nbidel u wasslet punt fejn kellha taħrab bil-minuri ED mid-dar matrimonjali fit-3 ta' Novembru 2022 u tmur tirrisjedi f'xelter għall-vittmi ta' vjolenza domestika bl-għajnuna tad-Domestic Violence Unit u tal-Aġenzija Appoġġ;*

*Illi wara li ħassitha sigura u l-bogħod mill-intimat, l-esponenti għamlet rapport kontrih lill-Pulizija (Domestic Violence Unit), liema rapport huwa anness hawnhekk bħala Dok. C.*

*Illi mindu ħarbet mid-dar matrimonjali, irċeviet bosta messaġġi u telefonati mingħand żewgha u notifikazzjonijiet minn diversi pjattaformi ta' medja socjali u mill-email personali li xi ħadd qiegħed jiprova jaċċessa l-profili personali tagħha. Hi ovjament mal-ewwel issuspettat f'żewġha, u eventalwent l-emails, WhatsApp, u Facebook tar-rikorrenti ġew hacked u kompletament tilfet l-aċċess ghalihom. Dan il-hacking allegatament sar mill-intimat, u b'hekk sar rapport separat lill-Pulizija (Cybercrime Unit) (rapport hawnhekk anness bħala Dok. D). F'dawn l-profili privati tar-*

*rikorrenti, kien hemm korrespondenza mal-avukati tagħha, mal-ħaddiema soċjali tal-Aġenzija Appoġġ, kif ukoll dettalji tax-xelter għall-vittmi ta' vjolenza domestika, fejn bħalissa qiegħda tghix flimkien ma' binha.*

*Ghaldaqstant titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tawtorizza tipproċedi għas-separazzjoni personali quddiem il-Qorti kompetenti u li tagħmel it-talbiet kollha necessarji u ancillari għaliha u ghall-minuri ED, u li għalhekk tkun kuratrici ad litem għan-nom tal-istess minuri;*

*2. Tiffissa retta alimentarja u l-modalitajiet tal-ħlas tal-istess, favur il-minuri msemmi, u mhux qed issir talba għall-manteniment għar-rikorrenti stante li hija taħdem; u*

*3. Tafda l-kura u l-kustodja tal-istess wild minuri msemmija f'idejn r-rikorrenti.*

*Salv kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat l-ittra ghall-ftuħ ta’ medjazzjoni tal-25 ta’ Novembru 2022 u d-digriet tat-28 ta’ Dicembru 2022 li permezz tieghu nghalqet il-medjazzjoni wara illi l-attriċi kienet diġa ppreżentat il-kawża odjerna;

Rat ir-rikors ta’ l-attriċi tas-16 ta’ Diċembru 2022, li permezz tiegħu għamlet diversi talbiet *pendente lite*;

Rat li l-konvenut debitement notifikat bir-rikors promotur u bir-rikors tal-attriċi tas-16 ta’ Diċembru 2022 intavola risposta fit-30 ta’ Jannar 2023 u risposta ġuramentata fit-8 ta’ Frar 2023[2], fejn ippremetta kif ġej:

*1. Illi skond il-verbal mill-Onorabbli Qorti tas-6 ta' Jannar, 2023, l-intimat għandu għoxrin jum żmien biex iressaq ir-Risposta tiegħu mill-ġurnata tan-notifika u hu ġie innotifikat nhar it-23 ta' Jannar, 2023.;*

---

[2] Fol. 47a.

*2. Illi miż-żwieġ bejn il-partijiet twieled tifel li jismu Eriol VEIPI u mhux kif indikat fir-rikors promotur ED hekk kif indikat mill-kopja taċ- ċertifikat tat-twelid hawn anness u immarkat bħala Dok A.*

*3. Illi ż-żwieġ bejn il-kontendenti sfaxxa u tkisser irrimedjabbilment minħabba li l-ħajja flimkien tal-konjugi m'għadhiex aktar possibbli u għaliex l-Attriċi telqet mid-dar matrimonjali minn jeddha.*

*4. Illi saru ħafna akkużi infondati mill-Attriċi fil-konfront tal-Intimat fir-rapport ta' l-Atrriċi lig-GBDV Unit tal-Pulizija iddatat il-5 ta' Novembru, 2022, liema rapport kien anness mar-rikors promotur u mmarkat bħala Dok.. C. Illi l- intimat jiċħad kategorikament l-akkużi kollha fil-konfront tiegħu imsemmijin f'dan ir-rapport. U fir-rapport stess fuq paġna hamsa l-eżitu ta' l- investigazzjoni ta' l-Ispettur Kylie Borg jinnega għal kollox l-allegazzjonijiet ta' l-Attriċi rigward stupru fuqha.*

*5. Illi sad-data tal-lum l-Intimat għadu ma ġiex notifikat b'xi kawża kriminali kontrih mill-Pulizija għalhekk ma jistax jingħad li hemm xi proċeduri kriminali kontrih wisq inqas xi kundanna ta' ħtija.*

*6. Illi l-Intimat dejjem wera ruhu dispost li jikkontribwixxi finazjarjament għat- trobbija tat-tifel tal-partijiet u fuq kollox wera l-impenn tiegħu li jkollu relazzjoni attiva ta' missier u ġenitur.*

*7. Illi permezz ta' digriet maħruġa minn din l-Onorabbli Qorti fil-31 ta' Jannar, 2023, il-Qorti ordnat lill-intimat jara lill-ibnu darbtejn fil-ġimgħa għal sagħtejn kull darba taħt superviżjoni tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal.*

*8. Illi fil-frattemp qed isiru l-arrangamenti sabiex l-intimat ikun jista jara lill-ibnu skond il-provvedimenti tal-Qorti.*

*9. Illi permezz ta' Ittra ta' Medjazzjoni bin-numru 1451/22 ippreżentat mill- konvenut kien sar tentattiv sabiex il-partijiet jaslu fi ftehim bonarju. U permezz ta' digriet minn din il-Qorti diversament ippresjeduta tas-6 ta' Diċembru, 2022 ġiet iffissata l-ewwel seduta għal nhar is-6 ta' Frar,*

*2023. Iżda minħabba il- proċeduri odjerni din is-seduta ta' medjazzjoni tħassret. Għaldaqstant qatt ma saret seduta waħda ta' medjazzjoni bejn il-partijiet.*

*10. Illi dawn il-fatti l-intimat jafhom personalment.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra li tista tirriżulta meħtieġa, l-intimat jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(i) Preliminarjament tordna li qabel ma tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors promotur jerġgħu jinbdew il-proċeduri ta' medjazzjoni bin-numru 1451/22 sabiex ikun sar almenu tentattiv wieħed sabiex il-partijiet jaslu għal ftehim bonarju tramite il-proċeduri ta' medjazzjoni;*

*(ii) Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri Eriol Veipi tibqa konġunta bejn il- partijiet biż-żewġ partijiet ikollhom id-dritt liberu ta' aċċess;*

*(iii) Tordna li l-Attriċi ma tkunx tista issiefer flimkien mal-minuri mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Intimat;*

*(iv) Tilqa it-tieni talba ta' l-Attriċi.*

*B'rizerva għall-ispejjes u b'riżerva għall-eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun jeħtieġ il-każ.*

Rat il-verbal tal-24 ta’ April 2023[3] li bih il-Qorti ħatret lil Dr Marita Pace Dimech bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma’ l-provi dwar assi, introjtu tal-partijiet u l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, kif ukoll dwar spejjeż u ħlasijiet għall-bżonnijiet tat-tfal;

Rat li wara talba *da parti* l-attriċi,[4] il-Qorti nnominat permezz ta’ digriet tat-12 ta’ Lulju 2023[5] Kurturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-konvenut u permezz ta’ Nota tar-Reġistratur tal-Qrati tat-13 ta’ Settembru 2023[6] ġie

[3] Fol. 54.
[4] Fol. 107.
[5] Fol. 148.
[6] Fol. 154.

speċifikat illi l-kuraturi appuntati huma Dr Mario Caruana u l-P.L. Louisa Tufigno;

Rat il-verbali kollha u x-xhieda mressqa mill-attriċi;

Rat li fir-risposta tas-27 ta' Settembru 2023[7] il-kuraturi deputati appuntati rrilevaw illi huma ma humiex edotti mill-fatti u talbu li jingħataw kull informazzjoni dwar l-aħħar indirizz magħruf tal-assenti Inri Veipi, barra minn Malta/jew Stat ieħor u kif ukoll dettalji magħrufa dwar kwalunkwe mess ta' komunikazzjoni li permezz tiegħu jista' jsir kuntatt miegħu, inkluż indirizz elettroniku, numri tal-mobile tal-istess u li l-attriċi għandha wkoll tipprovdi jekk possibli ismijiet tal-familjari tal-assenti u li din l-informazzjoni ma jirriżultax mill-proċess li ngħatat;

Rat l-atti kollha proċesswali;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;[8]

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel xejn, il-Qorti ma tistax ma tosservax, u tiddeplora, il-mod laxk, mhux ċar, u saħansitra fi bnadi anke irritu kif l-atti promoturi ġew redatti mill-partijiet. Dan l-istat ta' fatt ikkrea perplessità, u anke telf ta' ħin, għall-Qorti dwar kif dawn l-atti promoturi għandhom jiġu interpretati, u dwar ir-ritwalità tagħhom. M'għandix tkun il-Qorti li tgħallem li ma jsirux talbiet f'Risposta sakemm mhux kontenuti f'kontro-talba [li r-Risposta fiha nnifisha tfisser 'twegiba' u mhux 'talba'], u lanqas ma jintalab li l-Qorti tawtorizza lill-attriċi tipproċedi għas-separazzjoni 'quddiem il-Qorti kompetenti', daqs li kieku ma hiex din il-Qorti li hija l-Qorti kompetenti, kif suppost jafu *ben tajjeb* id-difensuri ta' l-attriċi, u dan mingħajr ma jsiru t-talbiet soliti, u jiġi pretiz li l-Qorti tinterpreta xi trid tgħid l-attriċi meta hi trid 'tagħmel it-talbiet soliti'. Dan juri biss nuqqas ta' professjonalità u kompetenza, u l-Qorti minn issa qegħdha tammonixxi d-difensuri li ffirmaw dawn l-Atti promoturi.

[7] Fol. 161.
[8] Verbal tas-16 ta' April 2024.

Illi l-attriċi tgħid li l-partijiet iżżewwġu fit-3 ta' Ġunju 2020 u dan kif jirriżulta minn dak li hija tgħid li huwa ċertifikat taż-żwieġ[9] barrani li hija tippreżenta flimkien mar-rikors ġuramentat tagħha.  Il-konjuġi għandhom tifel li jismu Eriol Tabaku li twieled fit-13 ta' Diċembru 2019.[10]

Illi l-attriċi tressaq talba sabiex il-Qorti tawtorizzaha tipproċedi għas-separazzjoni personali quddiem il-Qorti kompetenti u li tagħmel it-talbiet kollha neċessarji u anċillari għaliha u għall-minuri ED u li għalhekk tkun kuratriċi ad litem għan-nom tal-istess minuri, sabiex tiffissa retta alimentarja u l-modalitajiet tal-ħlas tal-istess, favur il-minuri msemmi, u tafda l-kura u l-kustodja tal-istess wild minuri f'idejn l-attriċi.

Illi l-Qorti, anke tenut kont ta' kif diġà esprimiet ruħha dwar kemm l-atti promoturi *lasciano a desiderare*, minħabba li ma huwiex fl-interess ta' ebda minuri wild il-partijiet li jinħela l-ħin minħabba n-nuqqas ta' professjonalità u kompetenza ta' l-Avukati patroċinanti l-istess partijiet, meta huwa jinsab f'limbu sakemm ħajjet il-ġenituri tiegħu tiġi regolata, u b'hekk ikun hemm stabilità f'ħajtu per konsegwenza, se tinterpreta tali talba bħala talba biex tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, kif ukoll talbiet dwar manteniment, aċċess u kura u kustodja.

Illi l-konvenut minn naħa tiegħu jgħid li isem it-tifel huwa Eriol VEIPI u mhux kif indikat mill-attriċi bħala ED u jippreżenta ċertifikat tat-twelid appostillat maħruġ mir-Repubblika tal-Albanija u jgħid li ż-żwieġ tal-konjuġi tkisser irrimedjabbilment minħabba li l-attriċi telqet mid-dar minn jeddha.  Huwa jiċħad kull allegazzjoni ta' vjolenza u jgħid li l-Qorti ma għandiex tieħu konjizzjoni tar-rikors promotur qabel jinbdew proċeduri ta' medjazzjoni bejn il-partijiet, tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tkun konġunta u li huwa jkollu aċċess għat-tifel u jaqbel illi jħallas manteniment għall-minuri skont il-mezzi tiegħu.

Illi l-Qorti qiegħda *ex officio* tqajjem l-eċċezzjoni tal-leġittimità ta' dokument legali esteru, proprju ċ-ċertifikat taż-żwieġ ippreżentat mill-attriċi.[11]

---

[9] Fol.5.
[10] Fol. 6.
[11] Fol. 5.

Illi l-Kap 12 jistipula f'Artikolu 627 liema dokumenti **ma jinħtiġux prova oħra tal-awtentiċità tagħhom ħlief dik li tidher minnhom infushom:**

*"Id-dokumenti msemmijin hawn taħt huma ammissibbli bi prova bla ma tkun meħtieġa ebda prova oħra tal-awtentiċità tagħhom, ħlief dik li tidher minnhom infishom, u jippruvaw dak lijkun fihom, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju:*

*(a) l-atti tal-Gvern ta' Malta, iffirmati mill-Ministru jew mill-kap tad-dipartiment li minnu jkunu ħarġu, jew, fl-assenza ta' dan, mid-deputat, assistent jew uffiċjal ieħor li jiġi warajh fil-grad, awtorizzat li jiffirma dawkl-atti;*

*(b) ir-reġistri ta' dipartiment tal-Gvern ta' Malta;*

*(ċ) l-atti pubbliċi kollha ffirmati mill-awtoritajiet kompetenti, u maħruġin fil-Gazzetta tal-Gvern;*

*(d) l-atti tal-Gvern ta' Malta, stampati bl-awtorità tal-Gvern u ppubblikati regolarment;*

*(e) l-atti u r-reġistri tal-qrati tal-ġustizzja u tal-qrati ekkleżjastiċi ta' Malta;*

*(f) iċ-ċertifikati maħruġin mill-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku u mir-Reġistratur tal-Artijiet;*

*(g) it-testimonjal magħmul taħt l-awtorità tal-Qorti tal-Kummerċ;*

*(h) id-dokumenti msemmija fl-artikolu 68, fis-subartikolu (3) tal-artikolu 95, fl-artikolu 227 u, safejn japplika l-artikolu 227, fl-artikolu 274 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili kif provdut fl-imsemmija dispożizzjonijiet.*

L-Artikolu 628 imbagħad isemmi atti li huma ammissibbli bħala prova, bħal l-atti tal-Gvern ta' Malta msemmijin fl-Artikolu 627, jekk kemm-il darba jkunu awtentikati kif isemmi l-istess artikolu:

*"628. L-atti ta' Gvern barrani,* ***jew ta' dipartiment ta' gvern barrani, jew ta' qrati ta' ġustizzja barranin****, jew ta' stabbilimenti barranin,* ***awtentikati, mir-rappreżentant diplomatiku jew konsulari tal-Gvern ta' Malta fil-pajjiż li fih ikunu ħarġu, jew minn persuna li tkun qed isservi f'servizz diplomatiku, konsulari, jew f'xi servizz ieħor barrani ta' xi pajjiż li b'arranġamenti tal-Gvern ta' Malta jkun qed jirrappreżenta l-interessi ta' dan il-Gvern f'dak il-pajjiż, jew minn awtorità oħra kompetenti, fil-pajjiż li fih ikunu ħarġu, huma wkoll ammissibbli bi prova*** *bl-istess mod bħad-dokumenti msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan."*

Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta' Marzu, 2024 fl-ismijiet **Avukat Dr Johnaton Abela *noe* vs Frank Cachia *noe*[12]** l-Qorti tispjega d-differenza bejn iż-żewġ artikoli u tgħid**:** ***"****Art. 627 tal-kodiċi ritwali jirreferi għal sensiela ta' atti tal-Gvern ta' Malta li huma ammissibbli bħala prova bla ma tkun meħtieġa ebda prova oħra tal-awtentiċità tagħhom.*

*14. B'kuntrast ma' dan, l-Art. 628 jinħtieġ li atti ta' Gvernijiet, dipartimenti tal-Gvern, Qrati u stabbilimenti barranin huma ammissibbli bħala prova bħall-atti tal-Gvern ta' Malta msemmijin fl-Art. 627 kemm-il darba jkunu "awtentikati mir-rappreżentant diplomatiku jew konsulari tal-Gvern ta' Malta fil-pajjiż li fih ikunu ħarġu, jew minn xi persuna fis-servizz diplomatiku, konsulari, jew f'xi servizz ieħor barrani ta' xi pajjiż li b'arranġamenti tal-Gvern ta' Malta jkun qed jirrappreżenta l-interessi ta' dan il-Gvern f'dak il-pajjiż, jew minn awtorità oħra kompetenti, fil-pajjiż li fih ikunu ħarġu"."*

Tgħid ukoll il-Qorti fis-sentenza riċenti **Paul Borg Olivier *noe* vs Il-Prim Ministru *et*[13]** illi:

*"Il-Qorti tqis li l-prokuri in kwistjoni, ċertament li ma ġewx esebiti f'dawn l-atti wara li kienet saret id-debita proċedura li kellha ssir sabiex jiġu ammessi bħala prova valida tal-mandat li r-rikorrenti taw lill-Avukat Paul Borg Olivier.* ***Id-dispożizzjonijiet tal-liġi appena ċitati, jagħmluha ċara***

[12] Deċiża mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fit-12 ta' Marzu 2024 (Rik. Nru. 30/15/1 FDP).
[13] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) (Rik.  Nru. 254/2020 LM) pendenti appell.

***li dokument magħmul barra minn Malta ma jistax jiġi ppreżentat quddiem il-Qrati Maltin mingħajr id-debita awtentikazzjoni/legalizzazzjoni kif imfissra mill-istess dispożizzjonijiet. Il-Qorti tagħraf li dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' ordni pubbliku, u għalhekk m'għandha tippermetti l-ebda deroga minnhom****, u mhux kif qegħdin jippretendu r-rikorrenti. Huwa inutli li huma jargumentaw li fiż-żmien li saru l-prokuri, il-Libja kienet tinsab fi stat ta' gwerra ċivili, għaliex huma saħansitra naqsu milli juru li dan wassal għall-impossibilità assoluta għalihom li jeżegwixxu prokura valida awtentikata kif titlob il-liġi."*

Illi kif jidher ċar minn dawn id-dispożizzjonijiet tal-Kap 12 u l-każistika nostrana, il-proċedura msemmija f'Artikolu 628 hija waħda li għandha tkun imħarsa b'rigorożità, u anke meta l-Qorti kellha quddiemha każ ta' gwerra ċivili, u għalhekk diffikultà biex isiru l-proċeduri kif titlob il-liġi, xorta waħda ma kinitx laxka fil-mod kif applikat dawn id-dispożizzjonijiet.

Illi l-Qorti tirrileva wkoll illi dawn il-proċeduri jistgħu jiġu evitati jekk id-dokument ikun oriġina minn pajjiż membru tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-5 ta' Ottubru 1961. Fil-każ tal-membri tal-Konvenzjoni, il-*Hague apostille* tikkonferma l-awtentiċità tad-dokument mingħajr il-bżonn ta' aktar proċeduri bħal ma hija l-proċedura maħsuba mill-liġi Maltija fl-artikoli ċitati hawn fuq. Dan japplika għall-pajjiżi li huma firmatarji għal din il-Konvenzjoni. F'Każ ta' pajjiżi li m'humiex parti mill-Konvenzjoni imbagħad huma mandatorji l-proċeduri appożiti kif spjegati iktar 'l fuq.

Illi fil-każ odjern il-Qorti għandha quddiemha dokument kruċjali għal din it-tip ta' talba għaliex huwa ċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-konjuġi li fuqu hija bbażata din it-talba. L-attriċi qed titlob il-firda ta' dan iż-żwieġ, hekk kif qegħda tinterpreta l-Qorti. Il-prova madre li jeżisti żwieġ għalhekk hija dan iċ-ċertifikat.

Illi l-attriċi tgħid illi ċ-ċertifikat oriġina mill-Albanija għaliex hija allegatament iżżewwġet hemmhekk u tali ċertifikat preżentat huwa **kopja** skannjata ta' ċertifikat taż-żwieġ ċċertifikata minn Arjana Ibra.

Illi l-Albanija hija firmatarja tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-5 ta' Ottubru 1961 u għalhekk l-attriċi setgħet ippreżentat dokument bl-*apostille* kif maħsub

f’din il-konvenzjoni. Fil-fatt il-konvenut għamel proprju dan meta ppreżenta l-att tat-twelid tat-tifel. Fin-nuqqas ta’ dan hija kelli ssegwi l-proċedura maħsuba mill-liġi fil-Kap 12 kif hawn fuq spjegat li lanqas ma sar f’dan il-każ għaliex kull m’għandha l-Qorti hija kopja ta’ dak li jidher li hu kopja skannjata ta’ ċertifikat taż-żwieġ ċċertifikata minn Arjana Ibra.

Tikkunsidra li dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi huma ta’ ordni pubbliku. L-iskop kollu warajhom kjarament huwa sabiex l-organi varji ta’ l-Istat Malti jkollhom il-konfort li att legali li jkun sar fl-esteru u jiġi ppreżentat Malta ikun mhux biss awtentikat iżda jkun konfermat illi huwa konformi mal-Liġijiet tal-pajjiż fejn ikun redatt. Mingħajr tali konvalida, il-Qorti ma hiex konfortata li dan id-dokument jista’ jiġi rikonoxxut f’Malta, u kwindi tonqos il-prova bażilari li tassew l-attriċi hija miżżewġa lill-assenti. Il-Qorti tosserva li l-pretensjoni attriċi hija mibnija fuq **kopja** ta’ dokument legali esteru, lanqas l-oriġinal tiegħu, u għalhekk il-Qorti ma tistax tkun komfortata dwar l-awtentiċità u veraċità tiegħu, iżjed u iżjed meta hemm regoli lokali u internazzjonali dwar ir-rikonoxximent u l-applikabilità ta’ dokumenti legali li jkun saru fl-esteru. Mingħajr tali prova, il-Qorti ma tistax tilqa’ t-talbiet attriċi in kwantu huma bbażati fuq premessa importanti, mhux pruvata sal-grad rikjest mil-Ligi, *ossia*, li hemm żwieġ li l-Qorti għandha tiddeċiedi talbiet dwaru. Ir-raġuni hija ċertament il-protezzjoni ta’ l-ordni pubbliku, biex il-parti sokkombenti, u anke l-Qorti adita, jkollhom il-komfort li tassew id-dokument huwa dak li jgħid li hu, u li jkun saru skont il-Liġijiet tal-pajjiż minn fejn jgħid li joriġina.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiċħad it-talbiet kollha tal-attriċi kif dedotti fir-rikors ġuramentat tas-16 ta’ Diċembru 2022.

Spejjez ta’ dawn il-proċeduri jkunu a karigu tal-attriċi.